Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

GUIDO DE MARCO
President

23 ta' Frar, 2001

ATT Nru. VI ta' l-2001

ATT biex jemenda diversi liġijiet dwar il-kompożizzjoni ta' diversi bordijiet u dwar il-kompetenza ta' diversi qrati u tribunali u appelli minn deċiżjonijiet tagħhom, u l-għemil ta' provvedimenti inċidentali jew konsegwenzjali għalihom.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. It-titolu ta' dan l-Att huwa Att ta' l-2001 dwar il-Proċeduri Legali, u għandu jibda jseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' jistabbilixxi b'Ordni fil-Gazzetta, u jistgħu jiġu hekk stabbiliti diversi dati għal provvedimenti differenti u għal għanijiet differenti tiegħu.

Emenda tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9.

2. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 417 tal-Kodiċi Kriminali, minflok il-kliem "li jirċievi l-atti." għandhom jidħlu l-kliem "li jirċievi l-atti:" u minnufih wara għandu jidħol dan il-proviso li ġej:

"Iżda fil-każ ta' appell minn kawżi maqtugħa mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) ir-rikors ta' l-appell jista' jiġi ppreżentat fir-reġistru ta' dik il-qorti u jintbagħat permezz tar-reġistratur lir-reġistratur tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali flimkien ma kopja tas-sentenza, l-inkartament tal-proċedimenti u n-noti tax-xiehda mogħtija, jekk ikun hemm, kemm-il darba dawn ma jkunux diġà ġew hekk mibgħutin skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 414; iżda wkoll f'kull każ ta' appell minn tali sentenza kif hawn aktar qabel imsemmi, l-atti kollha li jiġu wara r-rikors ta'

l-appell, sew jekk dak ir-rikors ikun ġie ppreżentat kif hawn aktar qabel imsemmi sew jekk fir-reġistru tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali, jistgħu wkoll jiġu ppreżentati fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) u jintbagħtu fir-reġistru tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali kif hawn aktar qabel imsemmi.".

Emenda tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12.

3. Il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fl-artikolu 41 tiegħu:

(i) fis-subartikolu (6) tiegħu, minnufih wara l-kliem "bħala membru ta' dik il-qorti." għandhom jidħlu l-kliem "Il-Qorti ta' l-Appell kif magħmula taħt dan is-subartikolu tista' wkoll tissejjaħ bħala l-Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Inferjuri).."; u

(ii) fis-subartikolu (7) tiegħu, minnufih wara l-kliem "fil-kompetenza inferjuri tagħha" għandhom jidħlu l-kliem "jew minn sentenzi jew deċiżjonijiet ta' xi bord jew tribunal mogħtija minn dak il-bord jew tribunal meta joqogħdu f'Għawdex"; u

(b) fl-artikoli 47 u 48 tiegħu minflok il-kliem "elf lira" kulfejn jinsabu, għandhom jidħlu l-kliem "ħamest elef lira".

Emenda ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31.

4. L-artikolu 113 ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (5) tiegħu, l-kliem "u dwar id-drittijiet li għandhom jitħallsu fuq dawn l-appelli" għandhom jitħassru;

(b) is-subartikoli (6) sa (10) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-artikoli (7) sa (11) rispettivament; u

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (5) tiegħu, għandu jidħol dan is-subartikolu (6) ġdid li ġej:

"(6) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' b'regolamenti taħt dan is-subartikolu jistabbilixxi d-drittijiet li jitħallsu fir-reġistru tal-qorti għall-preżentata ta' atti bil-miktub lill-Qorti ta' l-Appell taħt dan l-Att:

Iżda sakemm dawk id-drittijiet jiġu hekk stabbiliti mill-Ministru, għandhom japplikaw id-drittijiet li hemm fl-Iskeda

Kap. 12. A li tinsab mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.".

5. L-Att dwar il-Protezzjoni ta' l-Antikitajiet, għandu jiġi emendat kif ġej:- Emenda ta' l-Att dwar il-Protezzjoni ta' l-Antikitajiet, Kap. 54.

(a) fl-artikolu 5 tiegħu:

(i) minnufih wara l-kliem "mill-Qorti ta' l-Appell" fis-subartikolu (2) tiegħu għandhom jidħlu l-kliem "(Kompetenza Inferjuri)"; u

(ii) minnufih wara s-subartikolu (7) tiegħu għandhom jiżdiedu dawn is-subartikoli li ġejjin:

"(8) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' b'regolamenti taħt dan is-subartikolu jistabbilixxi d-drittijiet li jitħallsu fir-reġistru tal-qorti għall-preżentata ta' atti bil-miktub lill-Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Inferjuri) taħt dan l-artikolu:

Iżda sakemm dawk id-drittijiet jiġu hekk stabbiliti mill-Ministru, għandhom japplikaw id-drittijiet li hemm
Kap. 12. fl-Iskeda A li tinsab mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

(9) Il-bord imwaqqaf taħt l-artikolu 29 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jista' jagħmel regoli li jirregolaw rikorsi taħt dan l-artikolu."; u

(b) fl-artikolu 16 tiegħu -

(i) minnufih wara l-kliem "mill Qorti ta' l-Appell" fis-subartikolu (1) tiegħu, għandhom jidħlu l-kliem "(Kompetenza Inferjuri)"; u

(ii) minflok is-subartikolu (3) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(3) Is-subartikoli (8) u (9) ta' l-artikolu 5 għandhom japplikaw dwar rikorsi li jsiru taħt dan l-artikolu.".

6. (1) L-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili, għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili, Kap. 55.

(a) fl-artikolu 110 tiegħu:

(i) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "l-imħallfin tal-qrati superjuri, il-maġistrati" għandhom jidħlu l-kliem "l-imħallfin irtirati tal-qrati superjuri, maġistrati rtirati";

(ii) minflok il-kliem "imħallef jew maġistrat" fis-subartikolu (3) tiegħu, għandhom jidħlu l-kliem "imħallef irtirat jew maġistrat irtirat";

(b) fl-artikolu 112 tiegħu minnufih wara l-kliem "il-Qorti ta' l-Appell" għandhom jidħlu l-kliem "(Kompetenza Inferjuri)"; u

(ċ) minnufih wara l-artikolu 112 għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Proċeduri u drittijiet.

112A. (1) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' b'regolamenti taħt dan is-subartikolu jistabbilixxi d-drittijiet li jitħallsu fir-reġistru tal-Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Inferjuri) għall-preżentata ta' atti bil-miktub taħt l-artikolu 112 ta' dan l-Att:

Iżda sakemm dawk id-drittijiet jiġu ħekk stabbiliti mill-Ministru, għandhom japplikaw id-drittijiet li hemm fl-Iskeda A li tinsab mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Kap. 12.

(2) Il-bord imwaqqaf taħt l-artikolu 29 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jista' jagħmel regoli li jirregolaw rikorsi taħt l-artikolu 112 ta' dan l-Att.".

(2) Mad-dħul fis-seħħ tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu kull min ikollu l-kariga ta' mħallef jew ta' maġistrat għandu jtemm milli jibqa' viżitatur ta' l-atti nutarili.

Emenda ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kap. 65.

7. L-artikolu 14 ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (3) tiegħu minnufih wara l-kliem "lill-Qorti ta' l-Appell" għandhom jidħlu l-kliem "(Kompetenza Inferjuri"); u

(b) minnufih wara s-subartikolu (3) tiegħu għandhom jidħlu dawn is-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(3A) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' b'regolamenti jistabbilixxi d-drittijiet li jitħallsu fir-reġistru tal-qrati għall-preżentata ta' atti bil-miktub taħt din l-Ordinanza:

Iżda sakemm dawk id-drittijiet jiġu hekk stabbiliti mill-Ministru, għandhom japplikaw id-drittijiet li tinsab mal-Kap. 12. Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

(3B) Il-bord imwaqqaf taħt l-artikolu 29 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jista' jagħmel regoli, li ma jkunux inkonsistenti ma' din l-Ordinanza, li jirregolaw appelli taħt dan l-artikolu.".

Emenda ta' l-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini, Kap. 69.

8. L-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini, għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minflok l-artikolu 29 tagħha, għandu jidħol dan li ġej:

"Ma' kull rikors jitħallsu d-drittijiet tar-reġistru.

29. Ma' kull rikors li jiġi ppreżentat għandu jitħallas dritt tar-reġistru kif stabbilit fl-artikolu 39 ta' dan l-Att."; u

(b) fl-artikolu 39 tagħha:

(i) fil-paragrafu (a) minflok il-kliem minn "il-Lista iżda ebda" sal-kliem "tal-Gvern; u" għandhom jidħlu l-kliem "il-Lista;";

(ii) fil-paragrafu (b) tiegħu minflok il-kliem "quddiem il-bord." għandhom jidħlu l-kliem "quddiem il-bord; u"; u

(iii) minnufih wara l-paragrafu (b) tiegħu għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(ċ) id-drittijiet tar-reġistru li jitħallsu mal-preżentata ta' atti bil-miktub:

Iżda sakemm dawk id-drittijiet jiġu hekk preskritti mill-Ministru, għandhom japplikaw id-drittijiet li hemm fl-Iskeda A li tinsab mal-Kap. 12. Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.".

Emenda ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi, Kap.88.

9. Minflok is-subartikoli (2) u (3) ta' l-artikolu 35 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi, għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' b'avviż jippreskrivi:

(a) d-drittijiet li jitħallsu lill-membri fuq il-Lista;

(b) d-drittijiet dovuti lill-avukati u lill-prokuraturi legali għal proċedimenti quddiem il-bord jew f'konnessjoni miegħu; u

(ċ) d-drittijiet li jitħallsu fir-reġistru tal-bord:

Iżda sakemm dawk id-drittijiet jiġu ħekk preskritti mill-Ministru taħt il-paragrafi (b) u (ċ) ta' dan is-subartikolu, għandhom japplikaw id-drittijiet li hemm fl-Iskeda A li tinsab mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.". Kap. 12.

Emenda ta' l-Ordinanza dwar il-Valutazzjoni ta' Artijiet Mibnija, Kap. 110.

10. (1) Minflok is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 9 ta' l-Ordinanza dwar il-Valutazzjoni ta' Artijiet Mibnija, għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Il-President ta' Malta jista' jaħtar Bord ta' Kummissarji Speċjali għall-Valutazzjoni ta' Artijiet, wieħed jew aktar, u kull bord għandu jkun jkun magħmul minn tliet membri li minnhom wieħed, li jkun imħallef irtirat jew maġistrat irtirat jew persuna li tkun eserċitat bħala avukat f'Malta għal perjodu jew perjodi li jammontaw, b'kollox, għal seba' snin, ikun *chairman*. Qabel ma jibdew jaqdu dmirijiethom iċ-*chairman* u l-membri għandhom jieħdu u jiffirmaw ġurament, quddiem l-Avukat Ġenerali, li jwettqu l-funzjonijiet tagħhom taħt dan l-Att b'imparzjalità u skond il-liġi.".

(2) Mal-bidu fis-seħħ tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu kull min f'dak il-waqt ikollu l-kariga ta' mħallef jew maġistrat għandu jtemm milli jibqa' membru jew *chairman* tal-Bord ta' Kummissarji Speċjali għall-Valutazzjoni ta' Artijiet.

Emenda ta' l-Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba', Kap. 199.

11. L-Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba', għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-proviso li hemm mas-subartikolu 17 tiegħu għandu jitħassar;

(b) minnufih fi tmiem is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 19 tiegħu, għandu jiżdied dan il-proviso li ġej:

"Iżda sakemm jiġu preskritti d-drittijiet skond il-paragrafi (ċ), (d) jew (e) ta' dan is-subartikolu, għandhom japplikaw

id-drittijiet li hemm fl-Iskeda A li tinsab mal-Kodiċi ta' Kap. 12. Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.".

12. Il-paragrafu 4 tat-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att dwar l-Uffiċċju tal-Posta, għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-Att dwar l-Uffiċċju tal-Posta, Kap. 254.

(a) fis-subparagrafi (6) u (7) tiegħu, minnufih wara l-kliem "Qorti ta' l-Appell" kulfejn dawn jinsabu, għandhom jidħlu l-kliem "(Kompetenza Inferjuri)"; u

(b) minnufih wara s-subparagrafu (7) tiegħu għandhom jiżdiedu dawn il-paragrafi li ġejjin:

"(8) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' b'regolamenti taħt dan il-paragrafu jistabbilixxi d-drittijiet li jitħallsu fir-reġistru tal-qrati f'konnessjoni mal-preżentata ta' atti bil-miktub f'konnessjoni ma' appelli taħt dan l-Att:

Iżda sakemm dawk id-drittijiet ikunu ġew ħekk stabbiliti mill-Ministru, għandhom japplikaw id-drittijiet li hemm fl-Iskeda A li tinsab mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Kap. 12. Ċivili.

(9) Il-bord imwaqqaf taħt l-artikolu 29 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jista' jagħmel regoli li jirregolaw appelli lill-Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Inferjuri) taħt dan l-Att.".

13. (1) Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 38 ta' l-Att dwar is-Saħħa Mentali, minflok il-kliem "kwalifikata li jkollha, għandha, jew kellha" għandhom jidħlu l-kliem "kwalifikata li jkollha jew kellha". Emenda ta' l-Att dwar is-Saħħa Mentali, Kap. 262.

(2) Mal-bidu fis-seħħ tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu kull min f'dak il-waqt ikollu l-kariga ta' mħallef jew maġistrat għandu jtemm milli jkun membru jew *chairman* tat-Tribunal ta' Reviżjoni dwar Saħħa Mentali.

14. L-artikolu 9 ta' l-Att dwar Relazzjonijiet Industrijali, għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-Att dwar Relazzjonijiet Industrijali, Kap. 266.

(a) fis-subartikolu (6) tiegħu, minflok il-kliem minn "Il-qorti tista' tagħmel", "tipprovdi" u "tippreskrivi" għandhom jidħlu l-kliem "Il-bord imwaqqaf taħt l-artikolu 29 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jista' jagħmel", "jipprovdi" u "jippreskrivi" rispettivament, u l-kliem ", id-drittijiet u l-ispejjeż l-oħra li jkollhom jitħallsu," għandhom jitħassru;

(b) is-subartikoli (7) u (8) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (8) u (9) rispettivament; u

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (6) tiegħu għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(7) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' b'regolamenti taħt dan is-subartikolu jistabbilixxi d-drittijiet li għandhom jitħallsu fir-reġistru tal-qorti għall-preżentata ta' atti bil-miktub f'konnessjoni ma' appelli taħt dan l-artikolu:

Iżda sakemm dawk id-drittijiet jiġu hekk stabbiliti mill-Ministru, għandhom japplikaw id-drittijiet li hemm fl-Iskeda A li tinsab mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.". Kap. 12.

Emenda ta' l-Att dwar l-Għaqdiet Koperativi, Kap. 278.

15. L-artikolu 110 ta' l-Att dwar l-Għaqdiet Koperativi, għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minnufih wara l-kliem "lill-Qorti ta' l-Appell" għandhom jidħlu l-kliem "(Kompetenza Inferjuri)"; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu għandhom jiżdiedu dawn is-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(3) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' b'regolamenti taħt dan is-subartikolu jistabbilixxi d-drittijiet li għandhom jitħallsu fir-reġistru tal-qorti għar-rigward tal-preżentata ta' atti bil-miktub f'konnessjoni ma' appell lill-Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Inferjuri) taħt dan l-artikolu:

Iżda sakemm dawk id-drittijiet ikunu ġew hekk stabbiliti mill-Ministru, għandhom japplikaw id-drittijiet li hemm fl-Iskeda A li tinsab mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Kap. 12.

(4) Il-bord imwaqqaf taħt l-artikolu 29 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jista' jagħmel regoli li jirregolaw appelli lill-Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Inferjuri) taħt dan l-artikolu.".

Emenda ta' l-Att dwar il-Kontroll tal-Prezzijiet tal-Bini, Kap. 288.

16. L-Att dwar il-Kontroll tal-Prezzijiet tal-Bini, għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fl-artikolu 10 tiegħu:

(i) minflok il-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(a) *chairman* li jkun imħallef irtirat jew maġistrat irtirat jew persuna li tkun eserċitat bħala avukat f'Malta għal perjodu jew perjodi li jammontaw, b'kollox, għal mhux inqas minn seba' snin;";

(ii) fil-proviso għa-subartikolu (2) tiegħu minflok il-kelma "maġistrat" kulfejn tinsab għandha tidħol il-kelma "*chairman*"; u

(iii) minflok is-subartikoli (3) u (4) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(3) Iċ-*chairman* u l-membri ma għandhomx jibdew iwettqu d-dmirijiet tal-kariga tagħhom qabel ma jieħdu u jiffirmaw ġurament quddiem l-Avukat Ġenerali li jaqdu l-funzjonijiet tagħhom taħt dan l-Att b'imparzjalità u skond il-liġi.

(4) Iċ-*chairman* u l-membri tat-Tribunal għandhom jibqgħu fil-kariga għal perjodu ta' sentejn u ma jistgħux jitneħħew mill-kariga tagħhom ħlief għar-raġunijiet u bil-mod kif imħallef jew maġistrat jistgħu jitneħħew mill-kariga, lanqas ma għandha r-rimunerazzjoni tagħhom tinbidel bi żvantaġġ għalihom filwaqt li jkunu għadhom fil-kariga.";

(b) fl-artikolu 13 tiegħu:

(i) fis-subartikolu (2) tiegħu minnufih wara l-kliem "il-Qorti ta' l-Appell" għandhom jidħlu l-kliem "(Kompetenza Inferjuri)";

(ii) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu għandu jiżdied dan is-subartikolu li ġej:

"(3) Il-bord imwaqqaf taħt l-artikolu 29 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jista' jagħmel regoli, li ma jkunux inkonsistenti ma' dan l-Att, li jirregolaw appelli lill-Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Inferjuri) taħt dan l-Att."; u Kap. 12.

(ċ) fl-artikolu 14 minnufih wara l-kliem "tat-Tribunal" għandhom jidħlu l-kliem "jew tal-Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Inferjuri)".

(2) Mal-bidu fis-sehh tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu kull min f'dak il-waqt ikollu l-kariga ta' maġistrat għandu jtemm milli jibqa' fil-kariga ta' *chairman* tat-Tribunal għall-Kontroll ta' Prezzijiet tal-Bini.

Emenda ta' l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, Kap. 318.

17. L-artikolu 109 ta' l-Att dwar is-Sigurta' Soċjali, għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara l-kliem "lill-Qorti ta' l-Appell" fis-subartikolu (1) tiegħu għandhom jidħlu l-kliem "(Kompetenza Inferjuri)"; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu għandhom jiżdiedu dawn is-subartikoli li ġejjin:

"(3) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' b'regolamenti taħt dan is-subartikolu jistabbilixxi d-drittijiet li għandhom jitħallsu fir-reġistru tal-qorti għar-rigward tal-preżentata ta' atti bil-miktub f'konnessjoni ma' appelli lill-Qorti ta' l-Appell taħt dan l-Att:

Iżda sakemm dawk id-drittijiet ikunu ġew hekk stabbiliti mill-Ministru, għandhom japplikaw id-drittijiet li hemm fl-Kap. 12. Iskeda A li tinsab mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

(4) Il-bord imwaqqaf taħt l-artikolu 29 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jista' jagħmel regoli li jirregolaw appelli lill-Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Inferjuri) taħt dan l-Att.".

Emenda ta' l-Att dwar l-Iżvilupp Industrijali, Kap. 325.

18. L-artikolu 31 ta' l-Att dwar l-Iżvilupp Industrijali, għandu jigi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu minnufih wara l-kliem "lill-Qorti ta' l-Appell" għandhom jidħlu l-kliem "(Kompetenza Inferjuri)";

(b) fis-subartikolu (4) tiegħu l-kliem ", u jippreskrivi d-drittijiet li għandhom jitħallsu għal dawk l-appelli" għandhom jithassru;

(ċ) is-subartikolu (5) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (6) tiegħu; u

(d) minnufih wara s-subartikolu (4) tiegħu, għandu jidħol dan is-subartikolu (5) ġdid li ġej:

"(5) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' b'regolamenti taħt dan l-artikolu jistabbilixxi d-drittijiet li għandhom jitħallsu fir-reġistru tal-qorti għar-rigward tal-preżentata ta' atti bil-miktub f'konnessjoni ma' appelli lill-Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Inferjuri) taħt dan l-Att:

Iżda sakemm dawk id-drittijiet ikunu ġew hekk stabbiliti mill-Ministru, għandhom japplikaw id-drittijiet li hemm fl-Iskeda A li tinsab mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.".

Kap. 12.

19. (1) Fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 42 ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni, minflok il-kliem "li jkun imħallef jew maġistrat" għandhom jidħlu l-kliem "li jkun imħallef irtirat jew maġistrat irtirat jew persuna li tkun eserċitat bħala avukat f'Malta għal perjodu jew perjodi, li b'kollox jammontaw, għal mhux inqas minn seba' snin".

Emenda ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni, Kap. 327.

(2) Mal-bidu fis-seħħ tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu persuna li f'dak il-waqt ikollha l-kariga ta' mħallef jew maġistrat għandha ttemm milli tkun president tat-Tribunal Skolastiku.

20. (1) L-artikolu 16 A ta' l-Att dwar ix-Xandir għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda ta' l-Att dwar ix-Xandir, Kap. 350.

Fil-paragrafu (a) tal-proviso li hemm mas-subartikolu (1) tiegħu l-kliem "tal-paragrafi (1) u (4)" għandu jiġi sostitwit bil-kliem "tal-paragrafi (2) u (5)".

(2) Is-subartikolu (9) ta' l-artikolu 16 l-Att dwar ix-Xandir, għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) id-dispożizzjoni preżenti għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala l-paragrafu (a) tiegħu;

(b) fil-paragrafu (a) tiegħu kif enumerat mill-ġdid il-kliem ", u li jkunu jippreskrivu d-drittijiet li jitħallsu għal dawk l-appelli" għandhom jitħassru; u

(ċ) minnufih wara l-paragrafu (a) kif enumerat mill-ġdid għandu jidħol dan il-paragrafu (b) ġdid li ġej:

"(b) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' b'regolamenti taħt dan il-paragrafu jistabbilixxi d-drittijiet li għandhom jitħallsu fir-reġistru tal-qorti għar-rigward tal-preżentata ta' atti bil-miktub f'konnessjoni ma' appelli taħt dan l-artikolu:

Iżda sakemm dawk id-drittijiet ikunu ġew hekk stabbiliti, għandhom japplikaw id-drittijiet li hemm fl-Iskeda A li tinsab mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Kap. 12. Ċivili.".

Emenda ta' l-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, Kap. 354.

21. L-artikolu 3 ta' l-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) id-dispożizzjoni preżenti għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) tiegħu, u

(b) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu kif enumerat mill-ġdid għandhom jiżdiedu dawn is-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(2) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' b'regolamenti taħt dan is-subartikolu jistabbilixxi d-drittijiet li għandhom jitħallsu fir-reġistri tal-qrati tal-Maġistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) f'dak li għandu x'jaqsam mal-preżentata ta' appelli u rikorsi lil Uffiċjali Reviżuri taħt dan l-Att:

Iżda sakemm dawk id-drittijiet jiġu hekk stabbiliti mill-Ministru, għandhom japplikaw id-drittijiet li hemm fl-Iskeda Kap. 12. A li tinsab mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

(3) Il-bord imwaqqaf taħt l-artikolu 29 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jista' jagħmel regoli, li ma jkunux inkonsistenti ma' dan l-Att, li jirregolaw appelli u rikorsi lil Uffiċjali Reviżuri.".

Emenda ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, Kap. 356.

22. L-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikoli (2) u (10) ta' l-artikolu 15 tiegħu, minnufih wara l-kliem "lill-Qorti ta' l-Appell" għandhom jidħlu l-kliem "(Kompetenza Inferjuri)"; u

(b) fit-Tielet Skeda li tinsab miegħu:

(i) fir-regola 8 tagħha, minnufih wara l-kliem "lill-Qorti ta' l-Appell" għandhom jidħlu l-kliem "(Kompetenza Inferjuri)"; u

(ii) minnufih wara r-regola 10 tagħha għandu jiżdied dan li ġej:

"11. Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' b'regolamenti taħt din ir-regola jistabbilixxi d-drittijiet li għandhom jitħallsu fir-reġistru tal-qorti għar-rigward tal-preżentata ta' atti bil-miktub f'konnessjoni ma' appelli lill-Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Inferjuri) taħt dan l-Att:

Iżda sakemm dawk id-drittijiet ikunu ġew hekk stabbiliti mill-Ministru, għandhom japplikaw id-drittijiet li hemm fl-Iskeda A li tinsab mal-Kodiċi ta' Kap. 12. Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.".

23. (1) L-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, Kap. 364.

(a) fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 57 tiegħu minflok il-kliem "ikunu maġistrat jew maġistrat irtirat" għandhom jidħlu l-kliem "ikunu persuna li tkun imħallef irtirat jew maġistrat irtirat jew persuna li tkun eserċitat bħala avukat f'Malta għal perjodu jew perjodi li jammontaw, b'kollox, għal mhux inqas minn seba' snin"; u

(b) fl-artikolu 59 tiegħu:

(i) minflok il-kliem "lill-Qorti ta' l-Appell" kulfejn dawn jinsabu fin-nota marġinali mal-artikolu u fis-subartikoli (1), (2) u (6) tiegħu, għandhom jidħlu l-kliem "lill-Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Inferjuri)";

(ii) fis-subartikolu (6) tiegħu l-kliem ", u jippreskrivi d-drittijiet li għandhom jitħallsu għal dawk l-appelli" għandhom jitħassru; u

(iii) minnufih wara s-subartikolu (7) tiegħu għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(8) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' b'regolamenti taħt dan is-subartikolu jistabbilixxi d-drittijiet li għandhom jitħallsu fir-reġistru tal-qorti għar-rigward tal-preżentata ta' atti bil-miktub f'konnessjoni ma' appelli lill-Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Inferjuri) taħt dan l-Att:

Iżda sakemm ikunu ġew hekk stabbiliti regoli mill-Ministru, għandhom japplikaw id-drittijiet li hemm fl-Kap. 12. Iskeda A li tinsab mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.".

(2) Mal-bidu fis-sehh tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu persuni li jkollhom il-kariga ta' maġistrat għandhom itemmu milli jibqgħu fil-kariga ta' *chairman* tal-Bord ta' Kummissarji Speċjali għat-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti.

Emenda ta' l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju, Kap. 371.

24. Minnufih wara s-subartikolu (16) ta' l-artikolu 10 ta' l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju, għandhom jiżdiedu dawn is-subartikoli li ġejjin:

"(17) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' b'regolamenti taħt dan is-subartikolu jistabbilixxi d-drittijiet li għandhom jitħallsu fir-reġistru tal-qorti f'dak li għandu x'jaqsam mal-preżentata ta' atti bil-miktub konnessi ma' appelli lill-Qorti ta' l-Appell taħt dan l-artikolu:

Iżda sakemm dawk id-drittijiet jiġu hekk stabbiliti mill-Ministru, għandhom japplikaw id-drittijiet li hemm fl-Iskeda A li tinsab mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Kap. 12.

(18) Il-bord imwaqqaf taħt l-artikolu 29 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jista' jagħmel regoli li jirregolaw appelli lill-Qorti ta' l-Appell taħt dan l-artikolu.".

Emena ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, Kap. 372.

25. L-artikolu 37 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikoli (1), (2) u (7) tiegħu u fin-nota marġinali ta' l-artikolu, minflok il-kliem "Qorti ta' l-Appell" kulfejn jinsabu għandhom jidħlu l-kliem "Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Inferjuri)"; u

(b) minflok is-subartikolu (8) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(8) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' b'regolamenti taħt dan is-subartikolu jistabbilixxi d-drittijiet li għandhom jitħallsu fir-reġistru tal-qrati f'dak li għandu x'jaqsam mal-preżentata ta' atti bil-miktub f'konnessjoni ma' appelli lill-Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Inferjuri) taħt dan l-artikolu:

Iżda sakemm dawk id-drittijiet jiġu hekk stabbiliti mill-Ministru, għandhom japplikaw id-drittijiet li hemm fl-Iskeda A li tinsab mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.".

Kap. 12.

26. L-artikolu 22 ta' l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, Kap. 378.

(a) minflok il-paragrafi (a) u (b) fis-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(a) fil-kaz ta' appell mit-Tribunal tal-Konsumaturi (Malta) lill-Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Inferjuri) li joqgħod f'Malta; u

(b) fil-kaz ta' appell mit-Tribunal tal-Konsumaturi (Għawdex) lill-Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Inferjuri) li joqgħod f'Għawdex.";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu minnufih wara l-kliem "l-Qorti ta' l-Appell" għandhom jidħlu l-kliem "(Kompetenza Inferjuri)"; u

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu għandhom jiżdiedu dawn is-subartikoli li ġejjin:

"(3) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' b'regolamenti taħt dan is-subartikolu jistabbilixxi d-drittijiet li għandhom jitħallsu fir-reġistru tal-qorti għar-rigward tal-preżentata ta' atti bil-miktub f'konnessjoni ma' appell taħt dan l-artikolu:

Iżda meta ma jkunu ġew hekk stabbiliti ebda drittijiet bħal dawk, għandhom japplikaw id-drittijiet li hemm fl-Iskeda A li tinsab mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Kap. 12.

(4) Il-bord imwaqqaf taħt l-artikolu 29 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jista' jagħmel regoli li jirregolaw appelli taħt dan l-artikolu.".

27. (1) L-Att dwar Tribunal għal Talbiet Żgħar, għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-Att dwar Tribunal għal Talbiet Żgħar, Kap. 380.

(a) fis-subartikoli (2), (3) u (5) ta' l-artikolu 3 tiegħu, minflok il-kliem "l-mitejn u ħamsin lira Maltija" kull fejn dawn jinsabu għandhom jidħlu l-kliem "l-elf u ħames mitt lira Maltija";

(b) l-artikolu 4 tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Il-Ġudikaturi jinħatru mill-President li jaġixxi skond il-parir tal-Prim Ministru. Ħadd ma jkun kwalifikat jinħatar Ġudikatur kemm-il darba ma jkunx ipprattika bħala avukat f'Malta għal perjodu jew perjodi li b'kollox jammontaw għal mhux inqas minn seba' snin."; u

(ii) minflok is-subartikoli (4), (5) u (6) tiegħu għandhom jidħlu dawn is-subartikoli ġodda li ġejjin:

(4) (a) Il-Ġudikaturi jirċievu dik ir-rimunerazzjoni li l-Prim Ministru jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi u dik ir-rimunerazzjoni għandha tkun spiża fuq il-Fond Konsolidat; dik ir-rimunerazzjoni m'għandhiex matul iż-żmien li Ġudikatur ikun fil-kariga tiġi mibdula bi żvantaġġ tiegħu.

(b) Matul iż-żmien tal-ħatra tagħhom, il-Ġudikaturi għandhom ikunu prekluži mill-eżerċizzju tal-professjoni tagħhom f'każijiet quddiem it-Tribunal.

(5) Il-Ġudikaturi jinħatru għal żmien ħames snin u, meta jiskadilhom iż-żmien, ma jkunux eliġibbli biex jerġgħu jiġu maħtura:

Iżda jekk il-kariga ta' Ġudikatur tkun vakanti jew jekk il-Ġudikatur ma jkunx jista' jwettaq il-funzjonijiet tal-kariga tiegħu, għaldaqshekk, sakemm ikun ġie maħtur xi ħadd ieħor li jieħu x-xogħol ta' dik il-kariga, dawk il-funzjonijiet għandhom isiru minn xi Ġudikatur ieħor li jkun fil-kariga jew minn xi ħadd ieħor li jkun kwalifikat li jinħatar bħala Ġudikatur ħekk kif jista' jiġi maħtur biex jaġixxi bħala Ġudikatur mill-President li jaġixxi skond il-parir tal-Prim Ministru. Dik il-persuna għandha tkompli ħekk tagħmilha ta' Ġudikatur għall-perijodu kollu li jiġi maħtur għalih jew, jekk tali perjodu ma jiġix speċifikat, sakemm tiġi revokata l-ħatra tiegħu mill-President li jaġixxi skond il-parir tal-Prim Ministru.

(6) Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att, Ġudikatur ma jkunx suġġett għall-kontroll jew id-direzzjoni ta' xi persuna jew awtorità oħra. Ġudikatur ma jistax jitneħħa mill-kariga tiegħu ħlief bil-mod u għar-raġunijiet li hemm provdut dwarhom fl-artikolu 97(2) tal-Kostituzzjoni, u kull liġi jew regolament li jsir b'mod konformi ma' l-artikolu 97(3) tal-Kostituzzjoni għall-finijiet ta' l-artikolu 97(2) tagħha għandhom ikunu

japplikaw *mutatis mutandis* għall-proċedura ta' għemil ta' indirizz u ta' l-investigazzjoni u l-prova ta' l-inkapaċità jew mġieba ħażina ta' Ġudikatur taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu.";

(ċ) minflok l-artikolu 5 tiegħu għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Astensjoni jew rikuża ta' Ġudikaturi.

5. Id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li għandhom x'jaqsmu ma' l-astensjonijiet minn, u r-rikużi ta', maġistrat, u għas-surroga u t-tqassim ta' dmirijiet fost il-maġistrati għandhom, *mutatis mutandis*, japplikaw għal Ġudikaturi. Kodiċi ta' Etika li jkun japplika għall-Maġistrati għandu jkun japplika wkoll għall-Ġudikaturi."; u

(d) fil-proviso għas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 10 tiegħu, minflok il-kliem "Iżda f'ebda każ ma għandu jiġi" għandhom jidħlu l-kliem "Iżda f'ebda każ fejn il-valur tat-talba ma jkunx jissupera l-mitejn u ħamsin lira ma għandu jiġi".

(2) Mal-bidu fis-seħħ tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu kull persuna li qabel dik id-data kienet tokkupa l-kariga ta' Ġudikatur għandha ttemm milli tibqa' f'dik il-kariga jekk ma jkollhiex il-kwalifiki msemmija fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 4 ta' l-Att dwar Tribunal għal Talbiet Żgħar, kif emendat b'dan l-Att, u dawk il-persuni li jkollhom dawk il-kwalifiki jitqiesu, għall-finijiet tas-subartikolu (5) ta' l-istess artikolu, li ġew maħtura fid-data tal-bidu fis-seħħ tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.

Emenda ta' l-Att dwar Kumpanniji Kontrollati (Proċedura ta' Stralċ), Kap. 383.

28. Minnufih wara s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 12 ta' l-Att dwar Kumpanniji Kontrollati (Proċedura ta' Stralċ), għandhom jiżdiedu dawn is-subartikoli li ġejjin:

"(3) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' b'regolamenti taħt dan is-subartikolu jistabbilixxi d-drittijiet li għandhom jitħallsu għar-rigward tal-preżentata ta' atti bil-miktub fir-reġistru tal-qorti f'konnessjoni ma' appelli lill-Qorti ta' l-Appell taħt dan l-Att:

Iżda sakemm isiru regolamenti bħal dawk mill-Ministru, għandhom japplikaw id-drittijiet li hemm fl-Iskeda A li tinsab mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Kap. 12.

(4) Il-bord imwaqqaf taħt l-artikolu 29 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jista' jagħmel Regoli tal-Qrati li jirregolaw appelli lill-Qorti ta' l-Appell taħt dan l-Att.".

Emenda ta' l-Att biex jirregola t-Telekomunikazzjoni, Kap. 399.

29. (1) Fis-subartikolu (9) ta' l-artikolu 19 ta' l-Att biex Jirregola t-Telekomunikazzjoni, l-kliem "subartikolu (7)" għandu jiġi sostitwit bil-kliem "subartikolu (8)".

(2) L-artikolu 37 ta' l-Att biex jirregola t-Telekomunikazzjoni, għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) id-dispożizzjoni preżenti għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) tiegħu, u minnufih wara l-kliem "il-Qorti ta' l-Appell" f'dak is-subartikolu għandhom jidħlu l-kliem "(Kompetenza Inferjuri)"; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu għandhom jiżdiedu dawn is-subartikoli li ġejjin:

"(2) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' b'regolamenti taħt dan is-subartikolu jistabbilixxi d-drittijiet li għandhom jitħallsu fir-reġistru tal-qorti għar-rigward tal-preżentata ta' atti bil-miktub f'konnessjoni ma' appell taħt dan l-artikolu:

Iżda sakemm jiġu stabbiliti dawk id-drittijiet, għandhom japplikaw id-drittijiet li hemm fl-Iskeda A li tinsab mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Kap. 12.

(3) Il-bord imwaqqaf taħt l-artikolu 29 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jista' jagħmel Regoli tal-Qrati li jirregolaw l-appelli lill-Qorti ta' l-Appell taħt dan l-artikolu.".

Emenda ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, Kap. 406.

30. L-artikolu 47 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu minnufih wara l-kliem "il-Qorti ta' l-Appell" għandhom jidħlu l-kliem "(Kompetenza Inferjuri)";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu l-kliem "u jippreskrivi d-drittijiet li għandhom jitħallsu dwar kull appell" għandhom jitħassru; u

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu għandu jiżdied dan is-subartikolu li ġej:

"(3) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' b'regolamenti taħt dan is-subartikolu jistabbilixxi d-drittijiet li għandhom jitħallsu fir-reġistru tal-qorti għar-rigward tal-preżentata ta' atti bil-miktub f'konnessjoni ma' appelli lill-Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Inferjuri) taħt dan l-Att:

Iżda sakemm jiġu stabbiliti dawk id-drittijiet mill-Ministru, għandhom japplikaw id-drittijiet li hemm fl-Iskeda A li tinsab mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.".

Kap. 12.

31. (1) Fis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att dwar Atti Nutarili (Provvedimenti Temporanji), minflok il-kliem "mħallef jew maġistrat" kulfejn dawn jinsabu għandhom jidħlu l-kliem "mħallef irtirat jew maġistrat irtirat".

Emenda ta' l-Att dwar Atti Nutarili (Provvedimenti Temporanji), Kap. 408.

(2) Mal-bidu fis-seħħ tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, kull min ikollu l-kariga ta' mħallef jew maġistrat għandu jtemm milli jibqa' Kummissarju Speċjali għall-Atti Nutarili.

32. L-artikolu 14 ta' l-Att dwar Servizzi ta' l-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta, għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda ta' l-Att dwar Servizzi ta' l-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta, Kap. 409.

(a) fis-subartikoli (2) u (9) tiegħu minnufih wara l-kliem "il-Qorti ta' l-Appell" kulfejn dawn jinsabu għandhom jidħlu l-kliem "(Kompetenza Inferjuri)"; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (9) tiegħu għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(10) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' b'regolamenti taħt dan is-subartikolu jistabbilixxi d-drittijiet li għandhom jitħallsu fir-reġistru tal-qorti għar-rigward tal-preżentata ta' atti bil-miktub f'konnessjoni ma' appelli lill-Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Inferjuri) taħt dan l-artikolu:

Iżda sakemm jiġu stabbiliti dawk id-drittijiet mill-Ministru, għandhom japplikaw id-drittijiet li hemm fl-Iskeda A li tinsab mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.".

Kap. 12.

33. Minnufih wara s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 26 ta' l-Att dwar is-Sekwestru u l-Kustodja ta' Minuri, għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

Emenda ta' l-Att dwar is-Sekwestru u l-Kustodja ta' Minuri, Kap. 410.

"(3) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' b'regolamenti taħt dan is-subartikolu jistabbilixxi d-drittijiet li għandhom jitħallsu fir-reġistru tal-qorti għar-rigward tal-preżentata ta' atti bil-miktub f'konnessjoni ma' xi proċedura taħt din it-Taqsima ta' dan l-Att:

Iżda sakemm jiġu hekk stabbiliti dawk id-drittijiet mill-Ministru, għandhom japplikaw id-drittijiet li hemm fl-Iskeda A li tinsab mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.". Kap. 12.

Emenda ta' l-Att ta' l-2000 dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur, Att Nru. XIII ta' l-2000.

34. Fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 49 ta' l-Att ta' l-2000 dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur, minflok il-kelma "Ministru" għandhom jidħlu l-kliem "Ministru responsabbli għall-ġustizzja".

Dispożizzjoni transitorja.

35. Kull Qorti jew Tribunal li kellha kompetenza li tisma' u taqta' xi kawża qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att għandha ma' dak id-dħul fis-seħħ iżżomm dik il-kompetenza dwar kawżi li jkunu nbdew quddiemha qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 492 tat-13 ta' Frar, 2001.

ANTON TABONE
Speaker

RICHARD J. CAUCHI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati